MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2545/2002

**John u Adrian Bezzina**

**vs**

**Matthew Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 t'Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm456.00), jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal, rappresentanti prezz ta' oggetti konsistenti fi "spare parts" mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 t'April, 2002, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr Edward Gatt li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, t-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u sitta u hamsin lira Maltija (Lm456.00) bl-imghax legali mit-22 t’April, 2002.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 t’April, 2002, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**